MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1832/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc**

**Vs**

**Carmelo Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u disghajn lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm297.57), danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru DBY 456 fil-21 ta' Settembru 1998 gewwa c-Cirkewwa habat mal-vettura bin-numru AAE 306 propjeta ta' Martin Bugeja u kkaguna danni f'din il-vettura.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Fil-21 ta' Settembru 1998 sehh incident tat-traffiku fic-Cirkewwa bejn il-vettura misjuqa mill-attur (Toyota AAD 306 li kienet ghadha kif nizlet mill-vapur gej minn Ghawdex) u dik misjuqa mill-konvenut li giet minn fuq il-lemin tal-vettura misjuqa mill-attur.

.

2. Jirrizulta li l-iskizz li huwa ezebit fil-process (fol. 23 tal-process) huwa *"imaginary sketch"*. Il-pulizija li dakinhar inzerta kien fuq il-post ma rax l-incident isehh. Madankollu, il-konvenut iddikjara li huwa jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz (xhieda moghtija fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2002).

3. It-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' x-xhieda *viva voce*, u fic-cirkostanzi jqies li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident. Jidher bic-cjar li dakinhar li sehh l-incident kien hemm ringiela shiha ta' vetturi [fosthom dik misjuqa mill-attur] nezlin minn fuq il-vapur li kien ghadu kif wasal minn Ghawdex. F'hin minnhom jidher li l-konvenut ittenta jaqsam din il-linja ta' vetturi u baqa' diehel fil-vettura bin-numru AAD 306. Anke r-ritratt li hemm ezebit a fol. 26 tal-process, li juri l-hsara li saret fuq il-vettura misjuqa mill-attur, jaghti ndikazzjoni cjara li kien ix-xarabank li baqa' diehel fil-vettura Toyota bin-numru AAD 306.

4. B'riferenza ghad-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-

incident li sehh fil-21 ta' Settembru 1998 gewwa c-Cirkewwa u jikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u sebgha u disghajn lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm297.57), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------